Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5250/25

LIMITE

STAT 1
FIN 34

PUBLIC

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar uffiċjal għal kariga ta' Direttur Ġenerali fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' …

li taħtar uffiċjal għal kariga ta' Direttur Ġenerali fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, kif stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[1], u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 1a u 4, u l-Artikolu 29(2) ta' dawk ir-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/262 tas-6 ta' Frar 2017 li tiddetermina, għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-awtorità tal-ħatra u l-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/811/UE[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1), il-punt (b), tagħha,

Wara li kkunsidra l-avviż ta' pożizzjoni vakanti għall-pożizzjoni ta' Direttur Ġenerali tad-Direttorat-Ġenerali tal-Kunsill għall-Komunikazzjoni u l-Informazzjoni (COMM) fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, li ġie pubblikat internament, interistituzzjonalment u esternament u li ntbagħat ukoll lir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri,

---

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj.
[2] ĠU L 39, 16.2.2017, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/262/oj.

Wara li kkunsidra l-proposta mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill,

Billi t-tabella tal-persunal annessa mat-Taqsima II (Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill) tal-baġit ġenerali tippermetti l-ħatra ta' uffiċjal għall-kariga ta' Direttur Ġenerali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

Artikolu 1

Is-Sur Preben AAMANN huwa b'dan maħtur mill-1 ta' Frar 2025 għall-kariga ta' Direttur Ġenerali (AD 15) tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni u l-Informazzjoni (COMM) fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 2

1. Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lis-Sur Preben AAMANN.

2. Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha lis-Sur Preben AAMANN.

Magħmul fi …, …

Għall-Kunsill

Il-President

PUBLIC